



## UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Strasburgu, 18 ta' April 2018  
(OR. en)

2017/0146 (COD)  
LEX 1798

PE-CONS 8/1/18  
REV 1

STATIS 11  
TRANS 81  
CODEC 225

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR L-ISTATISTIKA  
TAT-TRASPORT BIL-FERROVIJA (RIFORMULAZZJONI)

**REGOLAMENT (UE) 2018/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-18 ta' April 2018**

**dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija  
(riformulazzjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> Opinjoni tas-6 ta' Diċembru 2017 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Ufficijal).

<sup>2</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2018 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Ufficijal), u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' April 2018.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> ġie emendat diversi drabi b'mod sostanzjali<sup>2</sup>. Peress li jenħtieġ li jsiru iktar emendi, jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġi riformulat għal iktar ċarezza.
- (2) Il-ferroviji huma parti importanti fin-networks tat-trasport tal-Unjoni.
- (3) L-istatistika dwar it-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri bil-ferrovija hija neċċessarja sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja u tiżviluppa l-politika ta' trasport komuni, kif ukoll l-elementi ta' trasport ta' dawk il-politiki li jirrigwardaw ir-reġjuni u n-netwerks transEwropej.
- (4) L-istatistika dwar is-sikurezza ferrovjarja hija neċċessarja wkoll sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tħejji u timmonitorja l-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-sikurezza tat-trasport. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji tiġib data dwar l-inċidenti li jaqgħu taħt l-Anness I tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> fir-rigward tal-indikaturi komuni tas-sigurtà u l-metodi komuni għall-kalkolu tal-ispejjeż tal-inċidenti.

---

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija (ĠU L 14, 21.1.2003, p. 1).

<sup>2</sup> Ara l-Anness IX.

<sup>3</sup> Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżżejjiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

- (5) L-istatistika fil-livell tal-Unjoni dwar it-trasport bil-ferrovija hija meħtieġa ukoll sabiex twettaq il-kompeti tal-monitoraġġ stipulati fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2012/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.
- (6) Jenħtieġ li l-istatistika fil-livell tal-Unjoni dwar il-mezzi kollha tat-trasport tinġabar skont kunċetti u standards komuni, bl-għan li jkun hemm komparabbiltà prattika sħiħa kemm jista' jkun bejn il-mezzi tat-trasport.
- (7) Hu importanti li jiġi evitat ix-xogħol doppju u li jsir l-aħjar użu tal-informazzjoni eżistenti li tkun tista' tintuża għall-finijiet ta' statistika. Għal dak il-għan, u bil-ħsieb li tkun provduta informazzjoni faċilment aċċessibbli u utli għaċ-ċittadini tal-Unjoni u partijiet ikkonċernati oħra dwar is-sikurezza tat-trasport ferrovjarju u l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja, inkluża l-infrastruttura ferrovjarja, jenħtieġ li jiġu stabbiliti, bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u entitajiet rilevanti, inkluż fil-livell internazzjonali, ftehimiet ta' kooperazzjoni adatti dwar l-attivitajiet ta' statistika.
- (8) Jenħtieġ li jintlaħaq bilanċ bejn il-bżonnijiet tal-utenti u l-piż fuq ir-rispondenti meta tiġi prodotta statistika Ewropea.

---

<sup>1</sup> Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

- (9) Fir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-esperjenza tagħha miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 91/2003, il-Kummissjoni semmiet il-fatt li l-iżviluppi fuq terminu twil probabbilment iwasslu għas-soppressjoni jew is-simplifikazzjoni tad-data digħi miġbura skont dak ir-Regolament, u li l-għan huwa li jitnaqqas il-perijodu ta' trażmissjoni tad-data għad-data annwali dwar il-passiġġieri bil-ferrovija. Jenħtieġ li il-Kummissjoni tkompli tiprovd rapporti f'intervalli regolari dwar l-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (10) Il-koeżistenza ta' impriżi ferrovjarji pubbliċi u privati li joperaw fis-suq tat-trasport kummerċjali bil-ferrovija teħtieġ speċifikazzjoni espliċita dwar it-tagħrif statistiku li jenħtieġ li jkun ipprovdut mill-impriżi kollha tal-ferroviji u mxerred mill-Eurostat.
- (11) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' standards statistiċi komuni li jippermettu l-produzzjoni ta' data armonizzata u li għandhom jiġu implementati minn kull Stat Membru taħt l-awtorità tal-korpi u l-istituzzjionijiet li huma responsabbi mill-produzzjoni tal-istatistika uffiċjali, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jaista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dak l-għan.

- (12) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jiprovd়i qafas ta' riferiment għad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (13) Sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi ġodda fl-Istati Membri filwaqt li, fl-istess ħin, jinżamm il-ġbir armonizzat tad-data dwar it-trasport ferrovjarju fl-Unjoni kollha, u bil-ħsieb li tinżamm il-kwalità tajba tad-data mibgħuta mill-Istati Membri, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ta' dan ir-Regolament biex jiġu adattati d-definizzjonijiet tekniċi u biex jiġu stabbiliti definizzjonijiet tekniċi addizzjonali. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-experti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liggi<sup>2</sup>. B'mod partikolari, biex tīgħiż żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-experti tal-Istati Membri, u l-experti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-experti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

<sup>2</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (14) Jentħieġ li l-Kummissjoni tiżgura li dawk l-atti delegati ma jipponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-respondenti.
- (15) Sabiex ikun żgurat li jkun hemm kondizzjonijiet uniformi għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implementazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-informazzjoni li għandha tingħata għar-rapporti dwar il-kwalità u l-komparabbiltà tar-riżultati, u l-arranġamenti għat-tixrid ta' dawk ir-riżultati mill-Kummissjoni (Eurostat). Dawk is-setgħat jenħtieġ li jkunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.
- (16) Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ġie kkonsultat,

**ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:**

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jiġistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implementazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

*Artikolu 1*

*L-għan*

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jistabbilixxi regoli komuni għall-produzzjoni tal-istatistika tat-trasport bil-ferrovija fil-livell tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

*Kamp ta' applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jkopri l-ferroviji kollha fl-Unjoni. Kull Stat Membru għandu jirrapporta l-istatistika li għandha x'taqsam mat-trasport bil-ferrovija fit-territorju nazzjonali tiegħu. Fejn impriżza tal-ferroviji topera f'iktar minn Stat Membru wieħed, l-awtoritatiet nazzjonali kkonċernati għandhom jeħtieġ li l-impriżza tipprovdi d-data b'mod separat għal kull pajjiż li topera fi sabiex tkun tista' tingħabar l-istatistika nazzjonali.

L-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:

- (a) l-impriżzi tal-ferroviji li joperaw fl-intier tagħhom jew fil-biċċa l-kbira ġewwa installazzjonijiet industrijali u f'oħrajn bħalhom, inklużi l-portijiet;
- (b) l-impriżzi tal-ferroviji li jipprovdu principally servizzi turistiċi lokali, bħal ferroviji storiċi tal-istim miżmuma tajjeb.

### *Artikolu 3*

#### *Definizzjonijiet*

1. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
  - (1) “pajjiż li qed jirrapporta” tfisser l-Istat Membru li jitrasmetti data lill-Eurostat;
  - (2) “awtoritajiet nazzjonali” tfisser istituti nazzjonali tal-istatistika u korpi oħra responsabbi f'kull Stat Membru biex jiproduċu statistika Ewropea;
  - (3) “ferrovija” tfisser linja ta' komunikazzjoni magħmula minn binarji esklussivament għall-użu ta' vetturi tal-ferrovija;
  - (4) “vettura tal-ferrovija” tfisser tagħmir mobbli li jopera esklussivament fuq il-binarji, li jixxi bis-saħħha tiegħu stess (vetturi tractive) jew li jinġibed minn vettura oħra (karozzi tal-linjal privati, karrijet tar-railcar, vannijiet u vaguni);
  - (5) “impriża ferrovjarja” tfisser kwalunkwe impriża pubblika jew privata li tipprovdi servizzi għat-trasport ta' merkanzija u/jew passiġġieri bil-ferrovija. Impriżi li n-negożju tagħħom huwa biss li jipprovdu servizzi għat-trasport ta' passiġġieri bil-metro, tram u/jew light rail huma eskużi;
  - (6) “trasport ta’ merkanzija bil-ferrovija” tfisser il-moviment ta' merkanzija permezz ta' vetturi tal-ferrovija bejn il-post ta' tagħbija u l-post tal-ħatt;

- (7) “trasport ta' passiġġieri bil-ferrovija” tfisser il-moviment ta' passiġġieri permezz ta' vetturi tal-ferrovija bejn il-post tal-imbark u l-post tal-iżbark. It-trasport ta' passiġġieri bil-metro, tram u/jew light rail huwa eskuż;
- (8) "metro" (magħruf ukoll bħala “subway”, “linja tal-ferrovija metropolitana” jew “underground”) tfisser linja tal-ferrovija tal-elettriku għat-trasport ta' passiġġieri b'kapaċita ta' volum kbir ta' traffiku u karakterizzata permezz ta' drittijiet ta' mogħdija esklussivi, ferroviji b'ħafna vaguni, aċċellerazzjoni b'veloċita għolja u rapida, sinjalar sofistikat kif ukoll l-assenza ta' qsim tal-linja fuq livell wieħed biex tiġi permessa frekwenza għolja ta' ferroviji u tagħbija kbira ta' pjattaforma. Il-metros huma karakterizzati wkoll minn stazzjonijiet viċin xulxin, li normalment ifisser distanza ta' 700 sa 1 200 m bejn l-istazzjonijiet. “Velocita għolja” tirreferi għall-paragun ma' trammijiet u light rail, u tfisser hawnhekk approssimament 30 sa 40 km/h fuq distanzi iqsar, 40 sa 70 km/h fuq distanzi itwal;
- (9) “tram (streetcar)” tfisser vettura tat-triq tal-passiġġieri disinjata biex joqogħdu aktar minn disa' persuni (inkluż is-sewwieq), li hija konnessa ma' kondutturi tal-elettriku jew taħdem permezz ta' magna tad-diesel u li timxi fuq il-binari;
- (10) “light rail” tfisser ferrovija għat-trasport ta' passiġġieri li ħafna drabi tuża karozzi li jimxu fuq il-binari li jaħdmu bl-elettriku li joperaw weħidhom jew f'ferroviji qosra fuq linji b'żewġ binari fissi. Ġeneralment ikun hemm distanza ta' inqas minn 1 200 m bejn l-istazzjonijiet/waqfiet. Meta mqabbel ma' metros, il-light rail huwa mibni b'mod aktar ħafif, huwa disinjat għal volumi ta' traffiku iżgħar u normalment jivvjaġġa b'inqas veloċità. Huwa xi kultant diffiċli li ssir distinzjoni preċiża bejn light rail u trammijiet; it-trammijiet ġeneralment mhumiex mifruða mit-traffiku tat-triq, filwaqt li light rail jista' jiġi mifrud minn sistemi oħra;

- (11) “trasport nazzjonali” tfisser trasport bil-ferrovija bejn żewġ postijiet (post ta' tagħbija/imbark u post ta' ħatt/żbark) lokalizzat fil-pajjiż li qed jirrapporta. Jista' jinvolvi transitu f'pajjiż ieħor;
- (12) “trasport internazzjonali” tfisser trasport bil-ferrovija bejn post (ta' tagħbija/imbark jew ta' ħatt/żbark) fil-pajjiż li qed jirrapporta u post (ta' tagħbija/imbark jew ta' ħatt/żbark) f'pajjiż ieħor;
- (13) “transitu” tfisser trasport bil-ferrovija li jgħaddi mill-pajjiż li qed jirrapporta bejn żewġ postijiet (post ta' tagħbija/imbark u post ta' ħatt/żbark) li jinstabu barra mill-pajjiż li qed jirrapporta. Operazzjonijiet ta' trasport li jinvolvu tagħbija/imbark jew ħatt/żbark ta' merkanzija/passiġġieri fil-fruntiera tal-pajjiż li qed jirrapporta minn/fuq mod ieħor ta' trasport mhumiex meqjusa bħala transitu;
- (14) “passiġġier tal-ferrovija” tfisser kull persuna, minbarra membri tal-ekwipaġġ tal-ferrovija, li jagħmel vjaġġ bil-ferrovija. Għal statistika ta' inċidenti, passiġġieri li jipprovaw jimbarkaw/jiżbarkaw fuq/minn fuq ferrovija li qed timxi huma inklużi;
- (15) “numru ta' passiġġieri” tfisser l-għadd ta' vjaġġi minn passiġġieri tal-ferrovija, fejn kull vjaġġ huwa definit bħala l-moviment minn post ta' imbark sal-post tal-iżbark, bi trasferimenti jew mingħajr trasferimenti minn vettura waħda tal-ferrovija għal fuq oħra. Jekk passiġġieri jużaw is-servizzi ta' aktar minn impriżza waħda tal-ferrovija, meta jkun possibbli ma jiġux magħduda aktar minn darba;

- (16) “passiġġier-kilometru” tfisser l-unità ta' miżuri li tirrappreżenta t-trasport ta' passiġġier wieħed permezz tal-ferrovija fuq distanza ta' kilometru wieħed. Għandha titqies biss id-distanza fit-territorju nazzjonali tal-pajjiż li qed jirrapporta;
- (17) “piż” tfisser il-kwantità ta' merkanzija espressa f'tunnellati (1 000 kilogramma). Il-piż li jrid jitqies jinkludi, b'żieda mal-piż tal-merkanzija trasportata, il-piż tal-materjal użat għall-ipakkjar u t-toqol tare ta” kontenituri, swap bodies, sodod ċatti tal-injam (pallets) kif ukoll vetturi tat-triq trasportati bil-ferrovija matul il-kors ta' operati ta' trasport kombinati. Jekk il-merkanzija hija trasportata permezz tas-servizzi ta' aktar minn impriża waħda tal-ferrovija, meta jkun possibbli t-toqol ta' merkanzija ma tiġix magħduda aktar minn darba;
- (18) “tunnellata metrika-kilometru” tfisser l-unità ta' miżura ta' trasport ta' merkanzija li tirrappreżenta t-trasport ta' tunnellata metrika waħda (1 000 kilogramma) ta' merkanzija permezz tal-ferrovija fuq distanza ta' kilometru wieħed. Għandha titqies biss id-distanza fit-territorju nazzjonali tal-pajjiż li qed jirrapporta;
- (19) “tren” tfisser vettura waħda jew aktar tal-ferrovija li jingħibdu minn lokomottiva jew railcar waħda jew aktar li tivvjaġġa waħedha, li topera skont numru prestabbilit jew indikat spċifikament minn punt inizjali fiss sa punt terminali fiss. Lokomottiva żgħira, jiġifieri lokomottiva li tivvjaġġa waħedha, mhijiex meqjusa tren;

- (20) “tren-kilometru” tfisser l-unità ta' miżura li tirrappreżenta l-moviment ta' tren fuq kilometru wieħed. Id-distanza wżata hija d-distanza li tkun attwalment imxiet, jekk disponibbli, inkella d-distanza tan-network stabbilita bejn l-oriġini u d-destinazzjoni għandha tintuża. Għandha titqies biss id-distanza fit-territorju nazzjonali tal-pajjiż li qed jirrapporta;
- (21) “tagħbija sħiħa tal-ferrovija” tfisser kull kunsinja li tikkomprendi tagħbija ta' vagun waħda jew aktar trasportati fl-istess ħin minn l-istess mittent fl-istess stazzjon u tintbagħat mingħajr l-ebda bidla fil-komposizzjoni tat-tren lill-indirizz tal-istess destinatarju fl-istess stazzjon tad-destinazzjoni;
- (22) “tagħbija sħiħa tal-vagun” tfisser kull kunsinja ta' merkanzija għal liema l-użu esklussiv ta' vagun huwa meħtieġ, kemm jekk il-kapaċita totali ta' tagħbija hija utilizzata jew le;
- (23) “UEG (Unità Ekwivalenti ta' Għoxrin-pied)” tfisser unità standard ibbażata fuq kontenit ISO twil 20 pied (6.10 m), użata bħala miżura tal-istatistika tal-fluss tat-traffiku jew kapaċitajiet. Kontenit wieħed standard 40' ISO Serje 1 huwa ugwali għal żewġ UEG. Swap bodies ta' inqas minn 20 pied huma ekwivalenti għal 0,75 UEG, bejn 20 pied u 40 pied għal 1,5 UEG u aktar minn 40 pied għal 2,25 UEG.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 li jemendaw dan l-Artikolu sabiex tadatta d-definizzjonijiet tekniċi li jinsabu fil-punti (8), (9), (10), (21), (22) u (23) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u tipprevedi definizzjonijiet tekniċi addizzjonali, meta jkun meħtieġ biex jitqiesu żviluppi ġodda li jirrikjedu d-definizzjoni ta' ċertu livell ta' dettall tekniku sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni tal-istatistika.

Meta teżerċita dik is-setgħa, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jipponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiġġustifika debitament l-azzjonijiet statistiċi previsti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn adatt, ta' analiżi tal-kosteffettività, inkluża valutazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

*Artikolu 4*

*Il-ġbir ta' data*

1. L-istatistika li trid tinġabar hija stabbilita fl-Annessi ma' dan ir-Regolament. Għandha tkopri t-tipi ta' data li ġejjin:
  - (a) l-istatistika annwali dwar it-trasport tal-merkanzija – rappurtagġġ iddettaljat (l-Anness I);
  - (b) l-istatistika annwali dwar it-trasport tal-passiġġieri – rappurtagġġ iddettaljat (l-Anness II);
  - (c) l-istatistika ta' kull kwart ta'sena dwar it-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri (l-Anness III);
  - (d) l-istatistika reġjonali dwar it-trasport tal-merkanzija u l-passiġġieri (l-Anness IV);
  - (e) l-istatistika dwar il-flussi tat-traffiku fuq in-network tal-ferroviji (l-Anness V).
2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw taħt l-Annessi I u II data dwar impriżi li għandhom:
  - (a) volum totali ta' trasport ta' merkanzija ta' mill-anqas 200 000 000 tunnellata metrika-kilometru jew mill-anqas 500 000 tunnellata;
  - (b) volum totali ta' trasport ta' passiġġieri ta' mill-anqas 100 000 000 passiġġier-km.

Ir-rapportar taħt l-Annessi I u II għandu jkun fakultattiv fir-rigward ta' impreżi li jaqgħu taħt il-livelli limitu msemmija fil-punti (a) u (b).

3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw taħt l-Anness VIII id-data kollha għall-impriżi li jaqgħu taħt il-limit msemmija fil-paragrafu 2 jekk dik id-data ma tiġix irrapportata taħt l-Annessi I u II, kif spċifikat fl-Anness VIII.
4. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, il-merkanzija għandha tīgi kklassifikata f'konformità mal-Anness VI. Il-merkanzija perikoluża għandha tīgi kklassifikata wkoll f'konformità mal-Anness VII.

*Artikolu 5*

*L-għejjun tad-data*

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw organizzazzjoni pubblika jew privata sabiex tieħu sehem fil-ġbir tad-data meħtieġa f'konformità ma' dan ir-Regolament.
2. Id-data meħtieġa tista' tinkiseb bl-użu ta' kwalunkwe kumbinazzjoni tal-għejjun li ġejjin:
  - (a) l-istħarriġiet obbigatorji;
  - (b) data amministrattiva, li tinkludi d-data miġbura mill-awtoritajiet regolatorji, b'mod partikolari l-polza tat-tagħbija tal-merkanzija ferrovjarja jekk tkun disponibbli;
  - (c) il-proċeduri ta' stimi msejsa fuq statistika;
  - (d) id-data pprovduta mill-organizzazzjonijiet professjonal fl-industrija tal-ferroviji;
  - (e) studji ad hoc.

3. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jieħdu miżuri sabiex jikkoordinaw l-għejun tad-data użati u sabiex jiżguraw il-kwalità tal-istatistika mibgħuta lill-Eurostat.

*Artikolu 6*

*It-trasmissjoni tal-istatistika lill-Eurostat*

1. L-Istati Membri għandhom jibgħatu l-istatistika msemmija fl-Artikolu 4 lill-Eurostat.
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti biex tintbagħat l-istatistika msemmija fl-Artikolu 4. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

*Artikolu 7*

*Disseminazzjoni*

1. L-istatistika bbażata fuq id-data spċifikata fl-Annessi I sa V u VIII għandha tiġi disseminata mill-Kummissjoni (Eurostat).
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti għad-disseminazzjoni tar-riżultati. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

## *Artikolu 8*

### *Il-kwalità tal-istatistika*

1. Sabiex tgħin lill-Istati Membri jżommu l-livell ta' kwalità fl-istatistika fl-isfera tal-kontroll tat-trasport bil-ferrovija, il-Eurostat għandha tiżviluppa u tippubblika rakkommmandazzjonijiet metodoloġiċi. Dawn ir-rakkommmandazzjonijiet għandhom iqis u l-aħjar prattiki tal-awtoritajiet nazzjonali, tal-impriżi tal-ferroviji u tal-organizzazzjonijiet professjonali tal-industrija tal-ferroviji.
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-kwalità tad-data mibgħuta.
3. Il-kwalità tad-data statistika għandha tiġi vvalutata mill-Eurostat. Għal dak il-għan, fuq talba mill-Eurostat, l-Istati Membri għandhom jipprovdu tagħrif dwar il-metodi użati fil-produzzjoni tal-istatistika.
4. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, il-kriterji ta' kwalità li għandhom jiġu applikati għad-data li għandha tintbagħat huma dawk imsemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni li jispeċifikaw l-arranġamenti dettaljati, l-istruttura, il-perjodiċità u l-elementi ta' komparabbiltà għar-rapporti ta' kwalità standard. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

## *Artikolu 9*

### *Rapporti dwar l-implimentazzjoni*

Sal-31 ta' Diċembru 2020 u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Kunitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar żviluppi futuri.

F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni rilevanti provduta mill-Istati Membri li tirrigwarda l-kwalità tad-data mibgħuta, il-metodi li jintużaw għall-ġbir tad-data u informazzjoni dwar il-potenzjal għal titjib u dwar il-ħtiġijiet tal-utenti.

B'mod partikolari, dak ir-rapport għandu:

- (a) jivvaluta l-benefiċċċi għall-Unjoni, għall-Istati Membri u għall-fornituri u l-utenti tat-tagħrif statistiku, tal-istatistika prodotta, relativament għall-ispejjeż tagħhom;
- (b) jivvaluta l-kwalità tad-data mibgħuta, il-metodi użati għall-ġbir tad-data u l-kwalità tal-istatistika prodotta.

*Artikolu 10*

*Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(2) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mit-13 ta' Diċembru 2016. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xħur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tīgi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal dik l-estensjoni mhux aktar tard minn tliet xħur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.
3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3(2) tista' tīgi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa spċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard spċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat digħi fis-seħħ.
4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat taħt l-Artikolu 3(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill.

*Artikolu 11*

*Proċedura ta' kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 12*

*Tħassir*

Ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinfiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness X.

*Artikolu 13*

*Dħul fis-seħħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

## ANNESS I

L-ISTATISTIKA ANNWALI DWAR IT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA — RAPPURTAĠġ DETTALJAT	
Il-lista tal-varjanti u tal-unitajiet tal-kejl	<p>Il-merkanzija trasportata espressa fi:</p> <ul style="list-style-type: none"><li>– tunnellati metriċi</li><li>– tunnellati metriċi-kilometri</li></ul> <p>Il-movimenti tat-trenijiet tal-merkanzija espressi fi:</p> <ul style="list-style-type: none"><li>– tren-kilometri</li></ul> <p>L-għadd tal-unitajiet tat-trasport intermodali li nġarru espressi fi:</p> <ul style="list-style-type: none"><li>– ġħadd</li><li>– UEG (Unità Ekwivalenti ta' Ghoxrin-pied) (għall-kontenituri u l-korpi tat-partit)</li></ul>
Il-perjodu ta' referenza	Sena
Il-frekwenza	Kull sena
Il-lista tat-tabelli b'analiżi statistika għal kull tabella	<p>It-Tabella I1: il-merkanzija trasportata, skont it-tip tat-trasport</p> <p>It-Tabella I2: il-merkanzija trasportata, skont it-tip tal-oġġetti (l-Anness VI)</p> <p>It-Tabella I3: il-merkanzija trasportata (għat-traffiku internazzjonali u tat-transitu) skont il-pajjiż tat-tagħbija u tal-ħatt</p> <p>It-Tabella I4: il-merkanzija trasportata, skont il-kategorija tal-merkanzija perikoluża (l-Anness VII)</p> <p>It-Tabella I5: il-merkanzija trasportata, skont it-tip tal-kunsinna (fakoltativ)</p> <p>It-Tabella I6: il-merkanzija trasportata f'unitajiet tat-trasport intermodali, skont it-tip tat-trasport u t-tip tal-unità tat-trasport</p>

**L-ISTATISTIKA ANNWALI DWAR IT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA**  
**— RAPPURTAĠġ DETTALJAT**

	<p>It-Tabella I7: l-għadd ta' unitajiet imgħobbija tat-trasport intermodali li n̄ġarru, skont it-tip tat-trasport u t-tip tal-unitajiet tat-trasport</p> <p>It-Tabella I8: l-għadd tal-unitajiet battala tat-trasport intermodali li n̄ġarru, skont it-tip tat-trasport u t-tip tal-unità tat-trasport</p> <p>It-Tabella I9: il-moviment tat-trenijiet tal-merkanzija</p>
L-iskadenza għat-trasmissjoni tad-data	Ħames xhur mit-tmiem tal-perjodu taż-żmien ta' referenza
L-ewwel perjodu ta' referenza għat-Tabelli I1, I2 u I3	2003
L-ewwel perjodu ta' referenza għat-Tabelli I4, I5, I6, I7, I8 u I9	2004
Noti	<p>1. It-tip tat-trasport jiġi mqassam wieħed wieħed kif ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– nazzjonali</li> <li>– internazzjonali - dieħel</li> <li>– internazzjonali - ħiereġ</li> <li>– fi transitu</li> </ul> <p>2. It-tip tal-kunsinna jista' jitqassam waħda waħda kif ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– tagħbijiet sħaħ tat-trenijiet</li> <li>– tagħbijiet sħaħ tal-vaguni</li> <li>– oħrajn</li> </ul>

**L-ISTATISTIKA ANNWALI DWAR IT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA**  
**— RAPPURTAĠġ DETTALJAT**

	<p>3. It-tip tal-unitajiet tat-trasport jista' jitqassam wieħed wieħed kif ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"><li>– il-kontenituri u swap bodies</li><li>– nofs-karrijiet (mhux akkumpanjati)</li><li>– vetturi tat-triq (akkumpanjati)</li></ul> <p>4. Għat-Tabella I3, l-Eurostat u l-Istati Membri jistgħu jagħmlu arranġamenti sabiex jiffaċilitaw il-konsolidazzjoni tad-data li toriġina mill-imprizzi fi Stati Membri oħrajn, sabiex tīgi żgurata l-koerenza ta' dik id-data.</p> <p>5. Għat-Tabella I4, l-Istati Membri għandhom jindikaw liema kategorija tat-traffiku, jekk ikun hemm, mħumiex koperti mid-data.</p> <p>6. Għat-Tabelli minn I2 sa I8 meta ma jkunx disponibbli tagħrif komplet dwar it-trasport tat-transitu l-Istati Membri għandhom jirrapprtaw id-data kollha disponibbli.</p>
--	--

## ANNESS II

L-ISTATISTIKA ANNWALI DWAR IT-TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI — RAPPURTAR DETTALJAT	
Lista tal-varjanti u tal-unitajiet tal-kejl	<p>Passiġġieri ttrasportati espressi fi:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– numru ta' passiġġieri</li> <li>– passiġġieri-kilometri</li> </ul> <p>Movimenti tal-ferroviji tal-passiġġieri espressi fi:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– tren-kilometri</li> </ul>
Perijodu ta' referenza	Sena
Frekwenza	Kull sena
Il-lista ta' tabelli b'analiżi dettaljata għal kull tabella	<p>Tabella III1: il-passiġġieri trasportati, skont it-tip tat-trasport</p> <p>Tabella II2: il-passiġġieri internazzjonali trasportati, skont il-pajjiż tal-imbark u l-pajjiż tal-iżbark</p> <p>Tabella II3: movimenti tal-ferroviji tal-passiġġieri</p>
L-iskadenza għat-trażmissjoni tad-data	Tmien xhur wara t-tmiem tal-perijodu ta' referenza
L-ewwel perijodu ta' referenza	2016
Noti	<ol style="list-style-type: none"> <li>1. It-tip tat-trasport jitqassam wieħed wieħed kif ġej: <ul style="list-style-type: none"> <li>– nazzjonali</li> <li>– internazzjonali</li> </ul> </li> <li>2. Għat-Tabelli III1 u II2, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw data li tinkludi l-informazzjoni mill-bejgħ ta' biljetti barra mill-pajjiż tar-rappurtar. Din l-informazzjoni tista' tinkiseb jew direttament mill-awtoritajiet nazzjonali ta' pajjiżi oħra jew permezz tal-arranġamenti internazzjonali tal-kumpens għall-biljetti.</li> </ol>

### **ANNESS III**

<b>L-ISTATISTIKA TA' KULL KWART TA' SENA DWAR IT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA U TAL-PASSIĠĠIERI</b>	
Il-lista tal-varjanti u tal-unitajiet tal-kejl	Il-merkanzija trasportata espressa fi: – tunnellati metriċi – tunnellati metriċi-kilometri  Il-passiġġieri trasportati fi: – in-numru ta' passiġġieri – passiġġieri-kilometri
Il-perjodu ta' referenza	Kwart tas-sena
Il-frekwenza	Kull kwart tas-sena
Il-lista tat-tabelli b'analiżi dettaljata għal kull tabella	It-Tabella III1: il-merkanzija trasportata It-Tabella III 2: il-passiġgieri trasportati
L-iskadenza għat-trasmissjoni tad-data	Tliet xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza
L-ewwel perjodu ta' referenza	L-ewwel kwart tas-sena 2004
Noti	<ol style="list-style-type: none"><li>1. It-Tabelli III1 u III2 jistgħu jiġu rrappurtati fuq il-bażi ta' data proviżorja, inklużi stimi. Għat-Tabella III2, l-Istati Membri jistgħu jirrapportaw data msejsa fuq il-bejgħ tal-biljetti fil-pajjiż tar-rappurtagġġ jew kull sors ieħor disponibbli.</li><li>2. Din l-istatistika għandha tīġi fornita għall-impriżi koperti mill-Annessi I u II.</li></ol>

## **ANNESS IV**

L-ISTATISTIKA REĠJONALI DWAR IT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA U L-PASSIĠġIERI	
Il-lista tal-varjanti u tal-unitajiet tal-kejl	Il-merkanzija trasportata espressa fi: – tunnellati metriċi Il-passiġġieri trasportati espressi fi: – in-numru ta' passiġġieri
Il-perjodu ta' referenza	Sena
Il-frekwenza	Kull ħames snin
Il-lista tat-tabelli b'analiżi dettaljata għal kull tabella	It-Tabella IV1: it-trasport nazzjonali tal-merkanzija skont ir-reġjun tat-tagħbija u r-reġjun tal-ħatt (NUTS 2) It-Tabella IV2: it-trasport internazzjonali tal-merkanzija skont ir-reġjun tat-tagħbija u r-reġjun tal-ħatt (NUTS 2) It-Tabella IV3: it-trasport nazzjonali tal-passiġġieri skont ir-reġjun tal-imbark u r-reġjun tal-iżbark (NUTS 2) It-Tabella IV4: it-trasport tal-passiġġieri internazzjonali skont ir-reġjun tal-imbark u r-reġjun tal-isżbark (NUTS 2)

L-ISTATISTIKA REĠJONALI DWAR IT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA U L-PASSIĠIERI	
L-iskadenza għat-trasmissjoni tad-data	12-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza
L-ewwel perjodu ta' referenza	2005
Noti	<p>1. Fejn il-post tat-tagħbija jew tal-ħatt (it-Tabelli IV1, IV2) jew l-imbark jew l-iżbark (it-Tabelli IV3, IV4) ikun barra miż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw biss liema huwa l-pajjiż.</p> <p>2. Sabiex tassisti lill-Istati Membri fit-tħejjija ta' dawn it-tabelli, l-Eurostat għandha tipprovdi lill-Istati Membri lista tal-kodiċijiet tal-istazzjonijiet UIC u l-kodiċijiet ekwivalenti tan-NUTS.</p> <p>3. Għat-Tabelli IV3 u IV4, l-Istati Membri jistgħu jirrapportaw data msejsa fuq il-bejgħ tal-biljetti jew fuq kull sors ieħor disponibbli.</p> <p>4. Din l-istatistika għandha tiġi fornita għall-impriżi koperti mill-Annessi I u II.</p>

## ANNESS V

L-ISTATISTIKA DWAR IL-FLUSSI TAT-TRAFFIKU FUQ IN-NETWORK TAL-FERROVIJI	
Il-lista tal-varjanti u tal-unitajiet tal-kejl	<p>It-trasport tal-merkanzija</p> <ul style="list-style-type: none"><li>– l-għadd ta' trenijiet</li><li>– It-trasport tal-passiġġieri: l-għadd ta' trenijiet Oħrajn (it-trenijiet li joffru servizz, eċċ.) (fakoltattiv): – l-għadd ta' trenijiet</li></ul>
Il-perjodu ta' referenza	Sena
Il-frekwenza	Kull ġħumes snin
Il-lista tat-tabelli b'analizi dettaljata għal kull tabella	<p>It-Tabella V1: it-trasport tal-merkanzija, skont is-segment tan-network</p> <p>It-Tabella V2: it-trasport tal-passiggieri, skont is-segment tan-network</p> <p>It-Tabella V3: oħrajn (it-trenijiet li joffru servizz, eċċ.), skont is-segment tan-network (mhux obbligatorju)</p>

<p style="text-align: center;"><b>L-ISTATISTIKA DWAR IL-FLUSSI TAT-TRAFFIKU FUQ IN-NETWORK TAL-FERROVIJI</b></p>	
L-iskadenza għat-trasmissjoni tad-data	18-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu taż-żmien tar-riferiment
Il-perjodu ta' referenza	2005
Noti	<p>1. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu sett ta' segmenti tan-network sabiex jinkludu mill-inqas in-network trans-Ewropea (TEN) tal-ferroviji fit-territorju nazzjonali tagħhom. Għandhom jikkomunikaw lill-Eurostat:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– il-koordinati ġeografiċi u data oħra meħtieġa sabiex jiġi identifikat u mmappjat kull segment kif ukoll ir-rabtiet bejn is-segmenti,</li> <li>– it-tagħrif dwar il-karatteristiċi (inkluża l-kapaċità) tat-trenijiet li jużaw kull segment tan-network.</li> </ul> <p>2. Kull segment li jagħmel parti min-network (TEN) għandu jiġi identifikat permezz ta' attribut addizzjonal fir-reġistrazzjoni tad-data, sabiex it-traffiku tal-ferrovija bit-TEN ikun jista' jiġi kkwanitifikat.</p>

## **ANNESS VI**

NST 2007

Diviżjoni	Deskrizzjoni
01	Prodotti tal-agrikoltura, tal-kaċċa u tal-forestrija; ġut u prodotti oħra tas-sajd
02	Faħam u lignite; żejt mhux raffinat u gass naturali
03	Metalli mhux maħduma u prodotti oħra tal-minjieri u tal-barrieri; pit; uranju u torju
04	Prodotti tal-ikel, xorb u tabakk
05	Tessuti u prodotti tat-tessuti; ġilda u prodotti tal-ġilda
06	Injam u prodotti tal-injam u tas-sufra (għajr għamara); oġġett magħmulin mit-tiben u materjal tal-immaljar; polpa, karta u prodotti tal-karta; materjal stampat u materjal irrekordjat
07	Kokk u prodotti taż-żejt irraffinat
08	Kimiċi, prodotti kimiċi, u fibri magħmula mill-bniedem; gomma u prodotti tal-plastik; fjuwil nukleari
09	Prodotti oħra minerali li m'humiex metalliċi
10	Metalli bażiċi; prodotti fabbrikati mill-metall, għajr makkinarju u tagħmir

Diviżjoni	Deskrizzjoni
11	Makkinarju u tagħmir n.e.c.; makkinarju tal-uffiċċi u kompjuters, makkinarju u apparat elettriku n.e.c.; tagħmir u apparat tar-radju, tat-televiżjoni u tal-komunikazzjoni; strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi; arloġġi
12	Tagħmir tat-trasport
13	Għamara; ogħġetti oħra mmanifatturati n.e.c.
14	Materja prima sekondarja; skart muniċipali u tip ieħor ta' skart
15	Posta, pakketti postali
16	Tagħmir u materjal utilizzat għat-ħat-trasport tal-merkanzija
17	Oġġetti trasportati waqt il-ġarr minn djar u uffiċċi; bagalji trasportati separatament mill-passiġġieri; vetturi bil-mutur li jinġarru għat-ħażu t-tas-saġġi; ogħġetti oħra li ma jkunux għas-suq n.e.c.
18	Merkanzija raggruppata: taħlita ta' tipi ta' merkanzija li huma ttrasportati flimkien
19	Merkanzija mhux identifikabbli: merkanzija li għal xi raġuni ma tistax tiġi identifikata u għalhekk ma tistax tiġi assenjata lill-gruppi 01 – 16
20	Merkanzija oħra n.e.c.

## **ANNESS VII**

### **IL-KLASSIFIKA TAL-MERKANZIJA PERIKOLUŻA**

1. L-isplussivi
2. Il-gassijiet, ikkompressati, likwefatti jew maħlula taħt il-pressa
3. Il-likwidi fjammabbli
- 4.1. Is-solidi fjammabbli
- 4.2. Is-sustanzi li jistgħu jaqbd u b'mod spontanju
- 4.3. Is-sustanzi li jtajru gassijiet fjammabbli mal-kuntatt mal-ilma
- 5.1. Is-sustanzi tal-ossidazzjoni
- 5.2. Il-perossidi organiċi
- 6.1. Is-sustanzi tossici
- 6.2. Is-sustanzi suġġetti li jikkagħunaw infezzjonijiet

7. Il-materjal radioattiv
8. Il-materjali korrużivi
9. Sustanzi mixellanji oħra perikolużi

Nota:

Dawn il-kategoriji huma dawk iddefiniti fir-regolamenti li jirrigwardaw it-trasport internazzjonali ta' oġġetti perikolużi bil-ferrovija, is-soltu magħrufa bħala r-RID, kif adottati taħt id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.

---

---

<sup>1</sup> Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

## **ANNESS VIII**

Tabella VIII.1	
LIVELL TAL-ATTIVITÀ TA' TRASPORT FIT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA	
Lista tal-varjanti u tal-unitajiet tal-kejl	Merkanzija trasportata expressa fi: – tunnellati totali – tunnellati metriċi-kilometri totali Movimenti tal-ferroviji tal-merkanzija espressi fi: – tren-kilometri totali
Perijodu ta' referenza	Sena
Frekwenza	Kull sena
Skadenza għat-trażmissjoni tad-data	Ħames xhur mit-tmiem tal-perijodu ta' referenza
L-ewwel perijodu ta' referenza	2017
Noti	Għall-impriżi biss li għandhom volum totali ta' trasport ta' merkanzija ta' anqas minn 200 miljun tunnellata metrika-kilometru u anqas minn 500 000 tunnellata u li ma jirrapportawx taħt l-Anness I (rappurtar dettaljat).

Tabella VIII.2	
LIVELL TAL-ATTIVITÀ TA' TRASPORT FIT-TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI	
Listo tal-varjanti u tal-unitajiet tal-kejl	Passiġġieri trasportati espressi fi: – passiġġieri totali – passiġġieri-kilometri totali Movimenti tal-ferroviji tal-passiġġieri espressi fi: – ferroviji-kilometri totali
Perijodu ta' referenza	Sena
Frekwenza	Kull sena
Skadenza għat-trażmissjoni tad-data	Tmien xhur mit-tmiem tal-perijodu ta' referenza
L-ewwel perijodu ta' referenza	2017
Noti	Biss għall-impriżi li għandhom volum totali ta' trasport ta' passiġġieri ta' anqas minn 100 miljun passiġġier-kilometru u li ma jirrapportawx taħt l-Anness II (rappurtar dettaljat).

## **ANNESS IX**

Ir-Regolament imħassar b'lista tal-emendi suċċessivi tiegħu

Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u  
tal-Kunsill  
(ĠU L 14, 21.1.2003, p. 1))

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1192/2003  
(ĠU L 167, 4.7.2003, p. 13)

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1304/2007                   L-Artiklu 3 biss  
(ĠU L 290, 8.1.2007, p. 14)

Regolament (KE) Nru 219/2009 tal-Parlament Ewropew u  
tal-Kunsill  
(ĠU L 87, 31.1.2009, p. 109)

Regolament (UE) 2016/2032 tal-Parlament Ewropew u  
tal-Kunsill  
(ĠU L 317, 23.11.2016, p. 105)

---

## ANNESS X

### TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (KE) Nru 91/2003	Dan ir-Regolament
Artikoli 1, 2 u 3	Artikoli 1, 2 u 3
Artikolu 4(1), parti introduttora	Artikolu 4(1), parti introduttora
Artikolu 4(1)(a)	Artikolu 4(1)(a)
Artikolu 4(1)(c)	Artikolu 4(1)(b)
Artikolu 4(1)(e)	Artikolu 4(1)(c)
Artikolu 4(1)(f)	Artikolu 4(1)(d)
Artikolu 4(1)(g)	Artikolu 4(1)(e)
Artikolu 4(2), (3) u (4)	Artikolu 4(2), (3) u (4)
Artikolu 4(5)	—
Artikoli 5, 6 u 7	Artikoli 5, 6 u 7
Artikolu 8(1)	Artikolu 8(1)
Artikolu 8(1a)	Artikolu 8(2)
Artikolu 8(2)	Artikolu 8(3)
Artikolu 8(3)	Artikolu 8(4)
Artikolu 8(4)	Artikolu 8(5)

Regolament (KE) Nru 91/2003	Dan ir-Regolament
Artikoli 9, 10 u 11	Artikoli 9, 10 u 11
—	Artikolu 12
Artikolu 13	Artikolu 13
Anness A	Anness I
Anness C	Anness II
Anness E	Anness III
Anness F	Anness IV
Anness G	Anness V
Anness J	Anness VI
Anness K	Anness VII
Anness L	Anness VIII
—	Anness IX
—	Anness X